**68. L-Onor. Marie Louise Coleiro MP tipproponi illi:**

Peress li għadda xahar minn meta seħħet it-traġedja ta' l-għargħar fejn fost l-aktar areas milquta kien hemm proprju Ħal Qormi, fejn għadd kbir ta' familji Qriema tilfu prattikament kollox minn darhom, fejn bdiewa Qriema sofrew danni kbar fl-għelieqi u fil-passaġġi għall-għelieqi tagħhom, u fejn nies oħra bin-negozju f'Ħal Qormi tilfu b'mijiet ta' eluf ta' liri mill-istabbilimenti tagħhom u sal-lum il-Gvern Nazzjonalista:

(a) la għadu ra xi ħsarat u danni sofrew in-nies milquta u wisq anqas għadu għen b'xi forma ta' kumpens;

(b) la għadu ħa passi konkreti biex mhux biss inaddaf il-widien li ħalla f'telqa sħiħa tul is-snin, iżda jaċċerta li l-korsa ta' l-ilma tax-xita tkun miftuħa kif għandha tkun, u lanqas għadu m'assigura li se jagħti bidu għal ħidma serja biex il-widien f'pajjiżna jiġu mħarsa u b'hekk ikunu fl-aqwa qagħda, biex mhux biss jilqgħu l-ilma tax-xita, iżda wkoll jinżammu bħala pulmun ta' pajjiżna;

(c) ħalla areas milquta żdingati bit-taqlib li ħalla warajh l-għargħar, bħal per eżempju l-Wied il-Kbir f'Ħal Qormi, fejn f`partijiet minnu ġie fil-livell tat-triq minħabba t-terrapien u l-ġebel li nġarr ġo fih, bil-konsegwenza li jekk terġa' tagħmel xita qawwija, l-areas ta' Wied iċ-Ċawsli, De La Cruz Avenue, l-Erba' Qaddisin u l-madwar jerġgħu jgħaddu mill-esperjenza tal-biża' li diġa' għaddew minnha;

(d) minkejja l-wegħdi li għamel biex jiġi żviluppat parking area industrijali, għadu ma sar xejn konkret bil-konsegwenza, li vetturi kbar tax-xogħol qed ikollhom jipparkjaw f`areas vojta bħal m'huma l-widien, u li kif diġa' ġara, qed ikunu fil-periklu li jinġarru mill-ilma u anke jimblukkaw il-korsa ta' l-ilma u jgħola l-ilma ħafna aktar min-normal.

Għaldaqstant il-Gvem għandu mmedjatament jieħu l-passi meħtieġa biex fost affarijiet oħra:

(i) jagħmel it-talba uffiċjali lill-Unjoni Ewropea għall-għajnuna iżda b'mod immedjat qabel ma tasal din l-għajnuna, il-Gvern għandu jagħti kumpens lil dawk kollha li ġarrbu ħsarat, mingħajr ma joqgħod jistenna;

(ii) jnaddaf il-widien u jagħti bidu għal proġett serju biex it-tindif tal-widien f`pajjizna jkun parti mix-xogħol regolari li jitwettaq, bħal ma kien nieda l-Gvern Laburista tas-sebgħinijiet, bil-proġett ta' Risq il-Widien;

(iii) jassigura li l-korsa ta' l-ilma tax-xita ma tkunx imblukkata u fejn hemm bżonn jagħmel proġetti biex jissewwew l-isfreġji li saru b'bini li tela' fil-korsa ta' l-ilma, bħal ma beda jagħmel Gvem Laburista ta' l-1996, ħdejn l-area magħrufa ta' l-Erba' Qaddisin, Ħal Qormi u li sfortunatament ma tkompliex mill-Gvern Nazzjonalista ta' wara;

(iv) jiskrutinizza tajjeb kwalunkwe żvilupp fl-inħawi li jintlaqtu mill-għargħar bil-għan li ma jitkomplewx isiru sfreġji lin-natura u li minħabba fihom ibatu l-konsegwenzi tagħhom iċ-ċittadini;

(v) jiżviluppa parking area industrijali biex il-vetturi tax-xogħol ikollhom fejn jiġu pparkjati;

(vi) jwettaq dak kollu umanament possibbli biex jassigura li fl-eventwalita' ta' xita qawwija ma tkunx it-traskuraġni u t-telqa li joħolqu traġedji liċ-ċittadini Maltin, bħalma sfortunatament seħħ fil-15 ta' Settembru 2003.

15.10.03